MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 1750/1984/1

***Citazzjoni 1750/84***

***Francis Gera bhala Managing Director u rappresentant tas-socjeta' Alfred Gera & Sons Ltd.***
***vs***
***Vivian Bianchi u Michael Bianchi bhala diretturi u in rappresentanza tas-socjeta' Bianchi & sons Ltd. u dina bhala agenti ta' Deutche NAH-Ost Linien Gmbh & Co. Hamburg armaturi tal-vapur PAMPERO u bhala agenti tal-istess vapur.***

Illum 02 ta' Lulju 2003

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine, wara li ppremetta: illi s-socjeta' attrici Alfred Gera & Sons

Ltd. importat mill-Germania/Belgium mija u erba u ghoxrin kartuni (colli) medicianli li waslu Malta fuq il-vapur *Pampero* kif jirrizulta mill-Polza tal-Kariku Dok.A1 u l-ispecification list annessa mal-istess polza, Dok.A2; illi meta l-merkanzija giet skarikata f' idejn il-kumpanija The Cargo Handling Company Ltd. bhala kuntratturi tal-port, u minn ghandhom giet kunsenjata lir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici, sitt (6) kartuni ma nstabux; illi rrizulta li dawn is-sitt kartuni, li ma nstabux u allura ma gewx konsenjati, kienu fil-fatt skarikati u wara xahar gew trasferiti u depositati fl-imhazen tal-Gvern fejn nstabu wara diversi xhur; illi minhabba l-fatt li gew depositati fl-imhazen tal-Gvern ma setghux jigu rtirati minghajr il-hlas ta' magazinagg ta' erba mija u dstatax il-lira u hames millezmi (Lm419.00,5); illi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza il-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghall-konfuzjoni dwar is-sitt kartuni u ghad-dannu li in konsegwenza sofra l-attur; talab li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m' ghandhomx (1) jigu dikjarati responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat, u (2) jigu kundannati ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm419.00,5; bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-pagament bhala rifuzjoni ta' danni sofferti mill-attur nomine.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine, u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti **Godwin Abela u John Cavallo** nomine fejn eccepew:

Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes, stante illi din is-socjeta' **ikkonsenjat il-merkanzija fl-istess stat u ammont illi rcevuta**; Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta guramentata minn Godwin Abela u l-lista tax-xhieda;

Rat l-n-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta **Bianchi & Sons Ltd** fil-kwalita’ taghha fuq premessa, fejn gie eccepit:

Illi l-konvenuti nomine rcevew tlett pallets u sitt cartons minghand l-esportatur tal-merkanzija in kwistjoni u hareg il-polza ta’ kariku ndikata mill-attur bir-rimarki u spjegazzjonijiet imsemmija fuq pagna attakkata mal-polza. Jidher car li **t-trasportatur innota li l-merkanzija kienet fi tlett pallets partikolari u mhux sfuza**;

Illi meta sar il-manifest gie notat li kien hemm sitt cartons sfusi, oltre it-tlett pallets, u dan gie avzat lill-agenti f’’Malta , u meta l-attur mar biex jirtira d-dokumenti necessarji biex jigbor il-merkanzija tieghu minn fuq il-moll, l-agent hareg delivery order datata 21 ta’ Dicembru 1983 b’ deskrizzjoni korretta tal-merkanzija kif wasslet. B’ din l-order l-attur seta’ jigbor u jirtira l-merkanzija kollha tieghu peress li skond kif jidher car mill-*joint tally* mehuda waqt l-iskarikar tal-merkanzija, it-tlett pallots u s-sitt cartons kollha nizzlu Malta;

Illi ghalhekk il-konvenuti nomine ma huma bl-ebda mod responsabbli ghall-fatt **li l-attur nomine ma gabarx il-merkanzija tieghu meta huwa mar ghaliha**;

Illi l-konvenut nomine qal lill-attur nomine diversi drabi li l-merkanzija kienet nizzlet Malta u li bid-delivery order dana seta’ jigborha kollha;

Illi l-fatt li ghadda xahar mhux tort tal-konvenut noe u aktar u aktar li ghaddew ix-xhur qabel l-attur noe sab il-merkanzija u rtiraha. Il-konvenut noe dejjem ikkoopera u anki hareg delivery order gdid ghas-sitt cartons fid-19 ta’ Lulju 1984;

Illi ghaldaqstant il-konvenuti mhumiex responsabbli ghall-hsarat jew telf li ghamel l-attur noe u t-talbiet tal-attur noe ghandhom jigu michuda bl-ispejjez; Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta, guramentata mill-konvenut Michael Bianchi, u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet prezentati mill-attur nomine u mis-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.[1]

Rat ir-relazzjoni[2] tal-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace mahlufa minnu fl-udjenza tas-19 ta' Gunju 2002;

Rat li fl-udjenza tat-30 ta' April 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:

***Kwadru tal-fatti***

Illi bazikament il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni huma s-segwenti. Bejn is-16 u 17 ta' Dicembru 1983 wasslet Malta fuq il-vapur *Pampero* merkanzija importata mis-socjeta' attrici. Fis-17 ta' Dicembru is-socjeta' giet informata mill-agenti tal-vapur, u cioe' mis-socjeta' konvenuta Bianchi & Sons Ltd, li l-merkanzija kienet wasslet Malta. Dan sar permezz ta' Notice of Arrival datata 17 ta' Dicembru 1983[3].

Illi minn dan id-dokument jirrizulta car li l-merkanzija kienet wasslet mhux biss f' pallets, kif kien indikat fil-bill of lading, izda kien hemm sitt kartuni sfuzi. Irrizulta li, filwaqt li l-pallets kienu nstabu u kienu gew irtriati mis-socjeta' attrici, il-kartuni sfuzi ma nstabux. Malli s-socjeta' attrici saret taf b' dan hija inkarigat lil burdnar taghha George Agius sabiex jghamel tficcija ghal dawn il-kartuni izda b' esitu negattiv.[4]

---

[1] Fols.156 *et seq*; u Fols.72-72 - tal-process
[2] Fols.102-111 tal-process
[3] Dok.C Fol.9
[4] Vide Deposizzjoni George Agius Fols.130 *et seq.*

Illi fil-frattemp u precisament fit-28 ta’ Dicembru 1983, is-socjeta’ attrici kitbet lill-konvenuti fejn talbithom jaghmlu tficcija aktar akkurata ghal dawn il-kartuni.[5]

Illi fid-deposizzjoni[6] tieghu Anthony Spiteri, Shipping Manager tad-ditta konvenuta Bianchi & Sons Ltd, qal li meta l-attur nomine kien informahom li l-kartuni ma nstabux, huwa kien urieh il-*joint tally sheets* bhala prova li dawn kienu tnizzlu mill-vapur, u baqa’ jinsisti mal-attur li l-merkanzija kienet hemm. Fil-fatt wara xi zmien il-kartuni kienu nstabu fil-post fil-bonded stores tal-Gvern..

Illi mill-provi rrizulta ampjament provat li matul dan iz-zmien dawn il-kartuni kienu ghand is-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co.Ltd li fis-17 ta’ Jannar 1984 kienet baghatet din il-merkanzija fil-bonded stores tal-Gvern, fejn eventwalment kienu instabu mis-socjeta’ attrici u gew irtirati minnha f’ Lulju tas-sena 1984 versu korrispettiv ta’ Lm419.00,5 rappresentanti magizzinagg dovut lill-G vern.[7]

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li hija ma tikkondividix il-konkluzzjoni raggjunta mill-perit legali u li hi fis-sens li d-diskrepanzi li jesistu fid-dokumentazzjoni relattiva ghal din il-merkanzija tpoggi lill-attur *“f’ sitwazzjoni kemm xejn ambigwa bhala punto di partenza”* u hija tali li tirrendi l-provi tieghu *“mhux lineari u cari”* <u>u allura l-attur ma rnexxilux jipprova l-kaz kontra l-konvenuti.</u>

Il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu, u jirrizulta manifest, li fid-dokumentazzjoni kien hemm diskrepanzi; izda dawn id-dokumenti huma <u>biss elementi ta’ prova</u> <u>**li joperaw u ghandhom jigu meqjusa fl-assiem tal-provi l-ohra kollha mgijuba**</u> f’ dan il-kaz. Dan ifisser li l-Qorti gudikanti m’ ghandhiex tillimita ruhha ghal dawn il-provi u tinjora l-valur probatorju tal-provi l-ohra li jistghu jkunu, u li f’ dan il-kaz huma, determinanti ghall-finijiet tal-esercizju odjern. L-esercizju li ghandu jsir, huwa apprezzament tal-provi kollha, bil-ghan li jigi stabbilit jekk jesistux provi

[5] Vide Ittri Doks.FG1 u FG2 u FG4 – Fols.112, 115
[6] Vide Deposizzjoni Anthony Spiteri Fol.s 131 u 132 *et seq.*
[7] Vide Doks.B1 u B2 Fols.7-8

sufficjenti li jipprovaw b’ mod sodisfacenti l-fatti sostnuti mill-attur nomine, u jigi ezaminat jekk dawn il-fatti jwasslux ghar-responsabbilita’ civili tal-konvenuti, jew min minnhom.

Illi fil-fehma tal-Qorti dawn id-deskrepanzi fid-dokumentazzjoni setghu wasslu u setghu inducew lill-konvenuti fiz-zball; izda mill-banda l-ohra jesistu provi ohra, aktar impellanti u defenittivi, li jrrendu dak in-nuqqas incidentali, u li jixhtu fuq il-komportament tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co.Ltd. responsabbilita’ civili ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur nomine.

Illi f’ dan il-kaz jinsabu provati sitt fatturi ta’ natura determinanti li jimmeritaw konsiderazzjoni specifika f’ dan il-gudizzju, stante li kumuluttivament iwasslu ghar-responsabbilita’ tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co.Ltd.. Dawn huma:

**1.** Il-fatt provat u assodat li **s-sitt kartuni tnizzlu minn fuq il-vapur** mal-kumplament tal-merkanzija. Dan il-fatt jirrizulta ampjament mid-dokumenti esebiti u mill-provi mismugha[8]. Di fatti ma hemmx kontestatazzjoni dwar il-fatt li s-sitt kartuni sfuzi kienu tnizzlu minn fuq il-vapur fis-17 ta’ Dicembru 1983, damu fil-kustodja tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. sas-17 ta’ Jannar 1984, wara liema data intbaghtu mill-istess socjeta’ fil-bonded stores.

**2.** Il-fatt li fis-17 ta’ Dicembru 1983 is-socjeta’ konvenuta Bianchi & Sons Ltd. baghatet Notice of Arrival lill-attur noe fejn informatu bil-merkanzija li wasslet, <u>inkluza s-sitt kartuni sfuzi</u>.

**3.** Il-fatt li l-attur nomine, <u>malli</u> gie informat li dawn il-kartuni ma nstabux inkariga l-burdnar biex ifittixhom.

**4.** Il-fatt li meta t-tficcija kellha esitu negattiv l-attur, b’ ittri datati 28 ta’ Dicembru 1983, kiteb lill-konvenuti u talabhom jaghmlu tficcija akkurata ghal din il-merkanzija.

[8] Vide *inter alia* deposizzjoni ta’ Emy Dimech claims manager tas-sojceta’ The Cargo Handling Co. Ltd. Fols.136.

In propositu ghal din il-prova, huwa opportun li jigi rilevat li, fil-konfront tas-socjeta' The Cargo Handling Co.Ltd. din l-informazzjoni tirrizulta minn ittra datata 25 ta' Lulju 1985[9] - liema ittra ma giet kontestata bl-ebda mod mill-konvenuti; u ghalhekk, gia la darba il-kontenut ta' din l-ittra, li giet kkonfermata bil-gurament mill-attur nomine, ma gietx kontraddett jew kontestat, allura l-Qorti ghanha taghti valur probatorju lill-istess.

**5.** Il-fatt ampjament provat li sas-17 ta' Jannar 1984 il-merkanzija kienet fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta fuq indikata.

**6.** Il-fatt ampjament provat li kienet din l-istess socjeta' li wara is-17 ta' Jannar baghtet il-merkanzija fil-bonded stores tal-Gvern.

Illi mill-provi jidher car li meta s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co.Ltd. kienet giet informata mill-attur li kien hemm parti mill-merkanzija nieqsa, dina naqset li taghmel tificcija adegwata u effettiva b' tentattiv sabiex issib is-sitt kartuni nieqsin, li l-hatt taghhom kien ampjament provat minn diversi dokumenti esebiti u li eventwalment rrizulta li kienu ghandha. Mhux biss ma saritx tficcijja adegwata; izda wara xahar li l-merkanzija damet fil-kustodja taghha, hija baghtet l-istess fil-bonded stores.

Fil-fehma tal-Qorti dan l-agir jikkostitwixxi nuqqas serju ta' esercizju ta' dik id-diligenza rikjesta fic-cirkostanzi tal-kaz, liema nuqqas kellu bhala rizultat id-danni sofferti mill-attur nomine fil-forma ta' magazzinagg li kellu jhallas lill-Gvern sabiex jirtira l-merkanzija.

Illi fl-eccezzjoni taghha l-istess socjeta' konvenuta eccepiet illi hija *"ikkonsenjat il-merkanzija fl-istess u ammont illi rcevieta"*[10]. Il-Qorti tosserva li l-provi li rrizultaw, manifestament juru l-oppost. Inoltre, ghal dak li

[9] Dok.FG4 – Fol.115
[10] Fol.10

hemm kontemplat fil-para.2 tad-dikjarazzjoni [11]taghha, u cioe' li hija *"ma hija bl-ebda mod responsabbli ghan-nuqqas ta' qbil u konfuzjoni fid-dokumenti imsemmija"* il-Qorti tosserva li l-fatt ampjament provat li l-merkanzija kienet fil-kustdoja taghha tirrendi din il-linja difensjonali bhala wahda fjakka sa tal-punt li tinnewtralizzaha kompletament. Ir-responsabbilita' da parti ta' din is-socjeta' konvenuta tirrisjedi fin nuqqas da parti taghha li tesercita dik id-diligenza fil-grad rikjest mill-ligi meta hi kellha dawn l-oggetti fil-pussess taghha u meta kienet giet informata mill-attur nomine li dawk l-oggetti ma kienux gew konsenjati lilu - u dan kollu, fid-dawl tal-fatt li kemm fin-Notice of Arrival u kemm fil-Manifest[12] tal-vapur hemm referenza cara ghas-sitt kartuni sfuzi.[13]

Illi minn naha l-ohra, il-Qorti ma tirravvisa ebda nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta Bianchi & Sons Ltd. Din is-socjeta' bhala l-agent tal-vapur kienet informat lill-attur nomine li kienet wasslet il-merkanzija. Kienet indikat il-kartuni sfuzi fuq in-Notice of Arrival u kienet ukoll insistiet li l-merkanzija kienet tnizzlet kollha. Il-fatti kif provati tawha ragun. Ghaldaqstant il-kaz fil-konfront taghha ma jreggix.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li dan in-nuqqas ta' responsabbilita' da parti ta' din is-socjeta' kien jirrizulta car u manifest anke qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni, stante li, qabel il-kawza, l-attur nomine kellu fil-pussess tieghu u kien konsapevoli ta' provi sufficjenti li necessarjament iwasslu ghall-konkluzjoni li s-socjeta' konvenuta Bianchi & Sons Ltd. ma kienitx responsabbli ghad-danni sofferti minnu. Ghaldaqstant l-ispejjez relattivi ghall-din il-konvenuta ghandhom jkunu a kariku tal-istess atturn nomine.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi bil-mod segwenti:

---

[11] Fol.11

[12] Dok.Y Fol.118

[13] F' dan l-istadju huwa opportun li jigi rilevat li t-*tally sheets* li juru x' merkanzija kienet tnizzlet u ghaddiet minn fuq il-vapur ghal ghand is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co.Ltd. ma gietx esebita mill-istess konvenuta.

Tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Bianchi & Sons Ltd, u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;

Previa rigett tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd, tilqa' it-talbiet attrici fil-konfront ta' din is-socjeta'. u, filwaqt li tiddikjaraha responsabbli ghad-danni li sofra l-attur nomine ammontanti ghas-somma ta' erba mija u dsatax il-lira maltin u hames centezmi (Lm419.00,5), tordna lill-istess socjeta' The Cargo handling Co. Ltd. thallas lill-attur din is-somma bl-imghax skond il-ligi u kif mitlub;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati hekk: L-ispejjez relattivament ghas-socjeta' konvenuta Bianchi & Sons Ltd. jigu sopportati mill-attur nomine; filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jkunu a kariku tas-socjeta' konnvenuta The Cargo Handling Co.Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------